VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,032, 31 ta' Lulju, 2018*
*Taqsima B*

**A.L. 257 tal-2018**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Podiatry) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Podiatry), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Podiatry) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 314 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinament prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Kriterji għall-Għażla**

3. (1) (a) Il-gradi miksuba fis-suġġetti li ġejjin fil-livell indikat għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel:

VERŻJONI ELETTRONIKA



(i) il-Bioloġija fil-Livell Avvanzat, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala s-suġġett ewlieni; u

(ii) il-Kimika u l-Fiżika fil-Livell Intermedju, li minn hawn 'il quddiem jissejaħ bħala s-suġġett sekondarju.

(b) Il-grad miksub fis-suġġett sekonarju meħud fil-Livell Avvanzat għandu, għall-għan tal-għażla, jkun assimilat mal-gradi li ġejjin fil-Livell Intermedju:

Grad E fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad Ċ fil-Livell Intermedju
Grad D fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad Ċ fil-Livell Intermedju
Grad Ċ fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad B fil-Livell Intermedju
Grad B fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad A fil-Livell Intermedju
Grad A fil-Livell Avvanzat assimilat ma' Grad A fil-Livell Intermedju.

(ċ) L-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom ikunu magħżula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont dawn il-kategoriji li ġejjin, imniżżla f'ordni ta' preferenza:

| | |
|---|---|
| *L-ewwel kategorija*: | dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju |
| *It-tieni kategorija*: | dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju |
| *It-tielet kategorija*: | dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju |
| *Ir-raba kategorija*: | dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju<br><br>u dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju |
| *Il-ħames kategorija*: | dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju<br><br>u dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju |
| *Is-sitt kategorija*: | dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju |

VERŻJONI ELETTRONIKA



| | |
|---|---|
| *Is-seba' kategorija*: | dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju<br><br>u dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju |
| *It-tmien kategorija*: | dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju<br><br>u dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju |
| *Id-disa' kategorija*: | dawk bigrad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju |
| *L-għaxar kategorija*: | dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju |
| *Il-ħdax-il kategorija*: | dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju |

(2) L-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru ċ-ċertifikat li għaddew fis-suġġett ewlieni u/jew fis-suġġett sekondarju jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(3) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fis-suġġett ewlieni u/jew fis-suġġett sekondarju, għandu jitqies l-aħjar grad.

(4) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

(5) Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli li jaqgħu fl-aħħar kategorija tal-applikanti eliġibbli biex jidħlu fil-kors skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament ikun tali li n-numru totali tal-applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet stabbilit mis-Senat, l-ewwel konsiderazzjoni għandha tingħata lil dawn:

(a) il-livell globali milħuq mill-applikanti fis-suġġetti kollha ppreżentati għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Dan għandu jkun determinat mis-somma tal-punti allokati għal kull suġġett, li għandhom ikunu assenjati kif ġej:

| | **Livell Avvanżat** | **Livell Intermedju** |
|---|---|---|
| **Grad A** | 30 punt | 10 punti |
| **Grad B** | 24 punt | 8 punti |
| **Grad Ċ** | 18–il punt | 6 punti |
| **Grad D** | 12-il punt | 4 punti |
| **Grad E** | 6 punti | 2 punti |

VERŻJONI ELETTRONIKA



(b) jekk dan ma jkunx biżżejjed, l-applikanti eliġibbli li jkun baqa' għandhom ikunu intervistati minn Bord tal-Intervisti maħtur mill-Bord għal dan il-għan, sabiex jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal.

(6) Jekk in-numru massimu tal-istudenti ma jintlaħaqx sal-aħħar ta' Settembru ta' qabel ma jibda l-Kors, l-applikanti li jkun baqa' li jkollhom il-grad D minflok il-grad Ċ fis-suġġett ewlieni, għandhom ikunu kkunsidrati wara li tintemm l-għażla tal-applikanti skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1)(ċ) u (4) tal-ordinament 3. Dawn l-applikanti għandhom ikunu magħżula mill-applikanti eliġibbli kollha skont dawn il-kategoriji li ġejjin, imniżżla f'ordni ta' preferenza:

| | |
|---|---|
| *It-tnax-il kategorija*: | dawk bi grad 'D' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju |
| *It-tlettax-il kategorija*: | dawk bi grad 'D' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju |
| *L-erbatax-il kategorija*: | dawk bi grad 'D' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju |
| *Il-ħmistax-il kategorija*: | dawk bi grad 'D' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju |
| *Is-sittax-il kategorija*: | dawk bi grad 'D' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju." |